TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/70/11/S

Tania Brignone

Vs

Charles Portelli ezercenti l-kummerc bhala Mellyd Autodealer

Illum 8 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Tania Brignone minghajr data ta' meta giet prezentata filwaqt li Charles Portelli, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni taghha maghmula fil-5 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija 'second-hand' li skont l-attrici, bdiet tishon hekk kif instaqet minn fejn inxtrat sad-dar taghha;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Charles Portelli naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Tania Brignone u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Tania Brignone li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi l-attrici xehdet illi l-vettura qabel inxtrat, giet ezaminata minn mekkanik maghzul mix-xerrejja pero dan ma kienx saq din il-vettura;

Illi partikolarment fil-kaz ta' xiri ta' vetturi 'second-hand', hija responsabilita ta' min jixtri li jiehu persuni kompetenti biex jezaminaw kull aspett tal-vettura;

Illi mix-xhieda stess tal-attrici jidher li dan ma sarx ghax il-mekkanik ma saqx l-imsemmija vettura;

Illi jinghad ukoll li l-ircevuti pprezentati mhumiex accettabbli ghajr ghal Dok A1;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239688

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ma deherx biex jitfa' dawl fuq dawn il-mistoqsijiet u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Tania Brignone u Jordna lil Charles Portelli ezercenti l-kummerc bhala Mellyd Autodealer ihallas lil Tania Brignone is-somma ta' €155.84 li tirraprezenta l-valur ta' Dok A1, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Charles Portelli.

Richard Sladden Av.
Arbitru